MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2002

Rikors Numru. 63/2002/1

**Welcome Property Ltd**

**vs**

**Brenda Cassano**

Il-Bord,

Ra r-rikors tas-socjeta' esponenti.

Illi l-esponenti huwa s-sid tal-fond numru 79, Sunvalley Court, Flat 3, Parish Street, Naxxar u dan il-post ilu mikri ghand l-intimata diversi snin;

Illi l-kirja hija pagabbli kull xahar bil-quddiem bir-rata ta' sebghin Lira Maltin (Lm70) fix-xahar;

Illi l-intimata hija moruza fil-hlas tal-kera ta’ dan il-fond u dan ghal zmien tmien xhur fl-ammont ta’ hames mija u sittin Lira Maltin (Lm560);

Illi l-intimata kienet interpellata diversi drabi sabiex thallas u baqghet moruza minkejja li kienet interpellata;

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob lill-dan il-Bord illi joghgobha jawtorizzah illi ma jgeddix il-lokazzjonita’ dan il-fond a favur l-intimata u li jordna li l-istess intimata illi tizgombra minn dan il-fond fi zmien qasir u perentorjy li jigi lilha prefiss minn dan il-Bord.

Ra li l-intimata debitament notifikata skond il-ligi la dehret ghas-seduta minkejja li giet imsejha f’hinijiet differenti ghal hafna drabi u lanqas ipprezentat risposta.

Ra li deher rapprezentant tas-socjeta’ rikorrenti flimkien ma’ l-avukat tieghu.

Ra l-art 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti u jawtorizzaha tirriprendi pussess tal-fond 79, Sunvalley Court, Flat 3, Parish Street, in-Naxxar; ghall-fini ta l-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta’ xahar m’illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------